# Editorjal

# Is-Soċjetà Filarmonika San Filep u l-Ġimgħa Mqaddsa

Qegħdin fil-qalba ta' l-aktar jiem għeżież tas-sena – il-Ġimgħa Mqaddsa, bil-Passjoni, il-Mewt fuq is-Salib u l-Qawmien ta' Ġesù f'nhar Jum Ħadd il-Għid it-'Tifkira l-kbira għalina l-Insara'.

U għalkemm dawn il-ġrajjiet jiġu ċċelebrati ftit tal-ġimgħat biss bogħod mill-Festa Titulari ta' San Filep, is-Soċjetà tal-Banda San Filep xorta waħda kull sena ttella' 'Wirja', hekk grandjuża dwar il-Ġimgħa Mqaddsa, wirja li tpoġġi lill-istess Każin San Filep, fuq quddiem nett f'din l-okkażjoni.

Is-Soċjetà Mużikali tagħna għandha rabta kbira mal-Ġimgħa l-Kbira. U fis-sena li s-Soċjetà Filarmonika Każin Banda San Filep qiegħda tfakkar l-għeluq il-150 sena ħajja mużikali tagħha (1851-2001), tajjeb ngħidu li sa mit-twaqqif tas-Soċjetà San Filep, il-Banda bdiet tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Hi kienet l-unika banda Żebbuġija li għal aktar minn erbgħin sena damet takkumpanja din il-purċissjoni. Wara daħlet l-użanza kif nafuha llum.

Sas-sena 1955, il-Banda San Filep, kienet ittella' wkoll programm ta' mużika serja f'Ħadd il-Palm filgħaxija li kien jiġbed ħafna nies.

Bejn Sibt u Ħadd il-Għid, mal-lejl il-Banda San Filep, kienet tagħmel mixja mar-raħal b'daqqa ta' marċi u valzi brijużi.

Dawn it-tradizzjonijiet maż-żmien inqatgħu u flokhom daħlet il-purċissjoni bl-Istatwa ta' Kristu Rxoxt fejn il-Banda San Filep imiss lilha li ddoqq kull sentejn.

Dan ifisser li l-Banda San Filep iddoqq kull sena darba fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u s-sena ta' wara fil-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt.

Barra minn hekk, il-Banda San Filep tagħmel programm fil-'Ftuħ ta' din il-Wirja', liema programm issa ilu jsir għal diversi snin.

La qegħdin insemmu din il-wirja nistgħu ngħidu li din titlob ħafna attenzjoni u ħidma bla waqfien biex dawn l-opri sbieħ esibiti li lkoll aħna tant kburin bihom nibqgħu ngawduhom għal numru ta' snin. *ikompli f'paġna 4*

**Is-SOĊJETÀ MUŻIKALI KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D. 1851**

***tixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.***





Iċ-ċenaklu tal-Wirja fil-Każin San Filep.



Ix-xena grandjuża tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota - Każin San Filep.

Nispiċċaw billi nuru l-apprezzament tagħna għall-ħidma volontarja u ġenwina li jagħtu bosta membri lill-Każin San Filep f'dan kollu li jiġi organizzat.

J'Alla din il-wirja ma tkunx saret ta' xejn u wara li nkunu żorna l-każin nieħdu xi ħaġa ta' ġid magħna lura.

Is-Soċjetà Filarmonika San Filep tixtieq il-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.

Il-qoxra ta' dan il-ktieb qiegħda tipprezentalna l-vara l-kbira bil-Banda San Filep takkompanja quddiemha. Ritratt li jeħodna 'l bogħod madwar 65 sena ilu. Interessanti naraw li n-nisa kienu għadhom jilbsu l-għonnella. Il-purċissjoni kienet għadha tgħaddi minn Triq il-Madonna ta' l-Anġli.

Refined Aluminium

Għal kull xogħol ta' Aluminium bi prezzijiet tajbin

Irrikorru: **MARIO BONNICI**

Mdina Road, Żebbuġ • Tel: 465170 - 099 7740

ZAMMIT.

Building Contractors

**Philip Zammit**

**Tel: 463204**

## Ġimgħa Kbira f'Ħaż-Żebbuġ ta' l-imgħoddi:

# Ritratti jitkellmu

Mill-imgħoddi l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ, dejjem ġibdet lejha mijiet ta' nies minn kull rokna tal-gżejjer, iżda fl-imgħoddi l-purċissjoni kienet bil-wisq differenti minn kif inhi llum.

Fil-biċċa l-kbira tagħha, din kienet tikkonsisti biss f'numru ta' fratelli libsin il-konfratija bajda, b'wiċċhom mgħotti bil-barnuż u jżommu f'idejhom xi fanal tal-ħadid jew xi salib.

It-tfal kienu wkoll jieħdu sehem libsin żimarra u jżommu f'idejhom xi simbolu tal-passjoni imqiegħed f'għamla ta' baċil.

Il-baned tar-raħal kellhom ukoll is-sehem tagħhom bid-daqq sabiħ tal-marċi funebri. L-istatwi kienu wkoll differenti, l-istess l-armar tal-knisja u kif ukoll it-triq tal-purċissjoni.

B'xorti tajba fl-idejn għad hawn ritratti li jfakkruna fil-Ġimgħa l-Kbira ta' l-imgħoddi f'Ħaż-Żebbuġ.

Hawnhekk għandna tliet ritratti li huma l-aqwa xhieda ta' dan li qegħdin ngħidu.

**Ritratt 1.** Dan ir-ritratt jagħtina d-dehra tal-knisja minn ġewwa. X'differenza! Jidher li dan ittieħed nhar Ħamis ix-Xirka għaliex is-salib ta' fuq l-altar maġġur hu mgħotti b'velu abjad, flok vjola, kif kien ikun fl-aħħar ġimagħtejn tar-Randan.

Is-sitt xemgħat ta' l-altar maġġur mhumiex bojod iżda ta' lewn kannella. Dawn kienu magħrufa bħala x-xemgħat tat-Tniebri, kelma li ġejja mill-kelma latina Tenebre.

*ikompli f'paġna 8*

The Local Confectionery

for

*Cream Cakes, Chocolate and Biscuit Boxes*

*and all kinds of sweets, Frozen Pastry, Wines & Spirits*

**WE SPECIALIZE IN GATEAUX**



Ritratt 1



Ritratt 2

# Express Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*

**Showroom Facades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 461078 / 465110 • Fax: 465798**

# Body Care

**Josephine Azzopardi I.B.Th**
89, Mula Road, Żebbuġ
Tel: 466895/461499 Mobile: 097 8661

**The Latest Technology Machine Next to Surgery:**

- Bust Lifting
- Cellulite Treatment
- Water Retention
- Relaxation Treatment
- Face Lifting
- Acne
- Waxing
- Eyebrow Shaping
- Pedicure
- Manicure
- Make-up
- Facials
- CRYO and Thermotherapy
- Painless Epilation

**Also Head-Dresses, Bouquets and Souvenirs for Weddings and Holy Communion**

It-tużell ta' fuq l-altar maġġur hu iswed, kulur liturġiku li kien jintuża f'jum il-Ġimgħa l-Kbira.

Il-kwadru titulari hu mgħotti b'biċċa drapp vjola, kif kienu wkoll jitgħattew il-kwadri kollha u l-kurċifissi ta' fuq l-altari.

Fuq il-prisbiterju, in-naħa tal-lemin jidher ukoll gandilabru kbir b'erbatax-il xemgħa magħruf bħala "Il-Barabba". Dan kien jintuża waqt il-kant tas-salmi u tar-responsorji, li kienu jingħadu u jitkantaw mill-qassisin matul it-tlett ijiem imqaddsa ta' matul dawn il-jiem għeżież.

Il-knisja narawha kollha kemm hi armata bid-damask iswed saħansitra wkoll il-frież u l-pilastri ta' taħt in-navi.

Meta ttieħed dan ir-ritratt, jidher li l-istatwi kienu għadhom mhumiex armati bil-fjuri u bix-xemgħat iżda d-Duluri u quddiem ir-Redentur, żewġ xbihat, li minn dejjem kellhom devozzjoni kbira, naraw xi xemgħat u wkoll xi fjuri. Il-bradelli kienu wkoll differenti. Mid-dehra n-nies ma kinux jitħallew jersqu viċin l-istatwi għaliex bogħod minnhom jidhru numru ta' bankijiet (li fuqhom konna nitgħallmu d-duttrina). Bejn dawn il-bankijiet naraw tapit. Il-paviment ta' l-irħam kien għadu ma sarx għax għadhom jidhru xi lapidi ta' l-oqbra.

**Ritratt 2.** Dan juri l-kappellun ta' l-Erwieħ. Qabel xejn il-kwadru titulari u kif ukoll il-kwadru tad-Duluri li hemm taħtu huma mgħottija b'velu skur.

L-altar hu żarmat minn kollox iżda fuq l-iskanelli u fuq il-mensa hemm numru ta' baċili żgħar bis-simboli tal-passjoni li kienu jġorru t-tfal fil-purċissjoni.

Quddiem ix-xbieha ta' Ġesù Kurċifiss, naraw sitt xemgħat imqiegħda f'sitt gandlieri li kienu jintramaw fil-funerali u fil-quddies tal-mejtin madwar it-tubru.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, wara nofsinhar dan il-Kurċifiss kien jintrama fuq il-presbiterju għall-funzjoni tat-tliet siegħat meta x-xbieha tal-Kurċifiss kienet tinqala minn mas-salib, u titniżżel fuq għamla ta' sodda għall-qima tal-fidili. Kienet tkun funzjoni impressjonanti ħafna, u li għaliha l-knisja kienet tkun maħnuqa bin-nies.

**Ritratt 3.** Dan ir-ritratt ittieħed għall- ħabta ta' l-1925 fejn għandna d-dehra taz-zuntier fil-ħruġ tal-purċissjoni. Hawnhekk għandna żewġ fratelli, li wieħed minnhom narawh għarkobbtejh, b'wiċċu mgħotti u b'salib f'idejh. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-fratelli kien ikollhom wegħda, u allura wħud minnhom kienu jimxu ħafjin, oħrajn kienu jġorru piż ta' ktajjen u oħrajn kienu jinżlu għarkobbtejhom meta l-purċissjoni kienet tieqaf, bħal m'għamel dan il-fratell tar-ritratt. Ħarsa lejn il-ġemgħa nies miġbura biex tara din il-

*ikompli f'paġna 10*

# DE ROHAN FLORA

If you want any service from the owners,
please apply at:

'Ave Maria'
Triq il-Baruni V. Azzopardi,
Żebbuġ

or phone
Tel: 467745



# Paul Testa Travel

**Triq l-Ursolini, Pietà**
**Tel: 22 32 99 – 22 33 40**



Ritratt 3

purċissjoni. It-tfal, fuq in-naħa tal-lemin, kollha jidhru libsin iż-żarbun, iżda hemm xi wħud li f'saqajhom għandhom il-qorq bla kalzetti u jidher ukoll wieħed ħafi, eżempju tal-faqar ta' dawk iż-żminijiet.

Fuq quddiem naraw tfal libsin il-beritta u bis-sidrija filwaqt li aktar 'il ġewwa, qrib il-bieb maġġur, hemm numru ta' nisa bl-għonnella u xbejbiet libsin kpiepel u brieret, stil ta' dak iż-żmien.

*Kif rajna dawn it-tliet ritratti qodma, għalkemm siekta, kellmuna dwar aspetti differenti tal-Ġimgħa l-Kbira ċċelebrata fl-imgħoddi fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ.*

Tas-Sliema
**Tony Terribile**
*26 ta' Jannar 2001*

# TAL-PATRI

## DISCOUNT STORE

Prop. P. & A. Agius

Triq Mons. Milanesi Street, Żebbuġ

Tel. Shop: 466176 Tel. Store: 460940

*(kantuniera ma' Triq l-Isqof Caruana - ħdejn l-iskola - taħt is-sala tal-Każin 12th May)*

**ĦINIJIET TAL-FTUĦ:**
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
6.00am - 12.00 – 4.00 - 7.00pm
Is-Sibt
6.00am - 1.00pm

*Għall-orħos u l-aqwa kwalità*

Free Delivery



# *MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD*

**31, Spencer Hill,**
**Marsa HMR 12, Malta**
**Tel: (+356) 230301 / 225706**
**Fax: (+356) 230301**

# IT-TQASSIM
# TAL-WIRJA GRANDJUŻA
# TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

## FIL-KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D. 1851

### Sala 1: IĊ-ĊENAKLU

Rappreżentat b'sett ta' tlettax-il statwa kbira *(life size)* u artistika, xogħol l-istatwarju magħruf ALFRED CAMILLERI CAUCHI flimkien mal-kontribut mhux żgħir ta' bosta membri tal-każin. Ta' min jgħid li l-ikel li jidher fuq il-mejda quddiem l-appostli jkun imsajjar frisk kull sena skond riċetti Lhud.

### Sala 2: IL-VIA CRUCIS

Sett ta' vari żgħar tas-Sur Joe Sammut, li juru l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù kif aħna mdorrijin narawhom fil-knisja u fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-sett jinkludi Sepulkru mmudellat fuq dak ta' l-Imdina, kif ukoll Via Sagra, bandalori u ornamenti oħra li fiċ-ċokon tagħhom iġegħluk tiggustahom.

### Sala 3: KRUĊIFISSJONI

Xogħol grandjuż ta' ALFRED CAMILLERI CAUCHI li ħoloq ix-xena tal-GOLGOTA fuq skala kbira u realistika li tagħmel din il-wirja unika f'Malta. Fiha għaxar persunaġġi, tlett islaleb kbar u xenarju spettakulari.

*Il-parti l-kbira tax-xogħol sar minn membri bieżla u ġenerużi tal-każin li taħt id-direzzjoni ta' l-artist Alfred Camilleri Cauchi għamlu monument ieħor li jixhed il-ħila tagħhom.*




We stock a large variety of

**GREETING CARDS, BOOKS, MAGAZINES, SURROUND SYSTEMS, HI-FI, VIDEO PLAYERS, T.V., PLAYSTATION (GAMES), HOUSEHOLD GOODS, ALL SORTS OF STATIONERY, BINDING, PHOTOCOPIES, I.D. PHOTOS AND A LARGE VARIETY OF GIFTS.**

*The largest toy shop in town*
*where you'll find everything you'll ever need*

# Il-Personalitajiet li inawguraw il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fil-każin San Filep f'dawn l-aħħar snin

| | | |
|---|---|---|
| 1994 | Il-President tar-Repubblika | Dr. Ugo Mifsud Bonnici |
| 1995 | In-Nunzio Appostoliku | Mons. Sebastian Laboa |
| 1996 | Il-Vigarju Ġenerali | Mons. Annetto Depasquale |
| 1997 | L-Ambaxxatur Franċiż | M. Patrick Amiot |
| 1998 | Il-Ministru ta' l-Industrija | Dr. John Attard Montalto |
| 1999 | Id-Direttur Spiritwali tal-Każin | Dun Karm Gatt |
| 2000 | L-Ispeaker tal-Parlament | Anton Tabone |
| 2001 | Il-Ministru ta' l-Intern | Dr. Tonio Borg |


**Bar Każin Banda San Filep**



Għal xarba ġenwina
f'atmosfera ta' ħbiberija



**Robert Cilia (Botteginarju)**

Jixtieq l-Għid it-Tajjeb lill-membri tal-każin u liż-Żebbuġin kollha

Gejxa Garage

Mini Bus Service

Gejxa

'Gerada House', Triq il-Kus, Qormi

Garage Tel: 486395
Mob:
Joe: 0949 9468 • George: 0942 9468 • Stephen: 0942 9467

FREDDIE'S

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa, żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals, sport shoes minn ditti renomati, basktijiet ta' l-iskola, handbags u kartieri

*Sciortino Street, Żebbuġ*

FOOTWEAR

*Tel: 465915*

*Ftit Noti mill-Istorja tal-*

# KAŻIN BANDA SAN FILEP

Is-Soċjetà Mużikali San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ ilha tiffunzjona kontinwament almenu mill-1851 – meta skond dokument uffiċjali din is-soċjetà rċeviet ħlas għal servizz tal-banda tagħha. Matul dan iż-żmien hija kellha tmintax-il Surmast tal-Banda u għoxrin President. Hawn taħt qed inġibu l-ismijiet ta' dawn l-uffiċjali u ż-żmien li damu fil-kariga:

### PRESIDENTI

| | |
|---|---|
| Filippo Galea | 1851 - 1856 |
| Michele Borg | 1856 - 1865 |
| Antonio Pisani | 1865 - 1871 |
| Gaetano Mallia | 1871 - 1873 |
| Gaetano Attard | 1873 - 1874 |
| Michelangelo Debono | 1874 - 1876 |
| Gavino Naudi | 1876 - 1895 |
| Carmelo Zammit | 1895 - 1900 |
| Angelo Chircop | 1900 - 1908 |
| Carmelo Zammit | 1908 - 1911 |
| Giuseppe Cilia | 1911 - 1922 |
| Pietro Paolo Galea | 1922 - 1929 |
| Profs. Philip Farrugia | 1929 - 1931 |
| Rev. Alexander Zammit | 1931 - 1939 |
| Rev. Loreto Callus | 1939 - 1944 |
| Philip Farrugia B.Sc.,MD,FRIC | 1944 - 1950 |
| Oliver Gulia B.A., LL.D. | 1951 - 1958 |
| Joseph Borg LL.D. | 1958 - 1969 |
| David Farrugia | 1970 - 1980 |
| John Attard Montalto B.A., LL.D. | 1980 - |

### SURMASTRIJIET

| | |
|---|---|
| Filippo Galea | 1851 - 1860 |
| Andrea Borg | 1860 - 1868 |
| Giuseppe Borg | 1868 - 1879 |
| Gioacchino Galea | 1879 - 1893 |
| Salvatore Mallia | 1893 - 1899 |
| Alessandro Agius | 1899 - 1903 |
| Spiridione Zammit | 1903 |
| Salvatore Mallia | 1903 - 1904 |
| Angel Mellilli | 1904 - 1911 |
| Alfred Hare | 1911 - 1916 |
| Carmelo Camilleri | 1916 - 1918 |
| Michele Gatt | 1918 - 1919 |
| Orlando Crescimanno | 1919 - 1921 |
| Salvatore Mallia | 1921 |
| Adeodato Gatt | 1921 - 1962 |
| Philip Gatt | 1962 - 1986 |
| Michael Ciantar A.Mus. LCM | 1986 - 2000 |
| Raymond Fenech FLCM, L.(Mus.) LCM, P.Tech(APS) | 2000 - |

**KING CONFECTIONERY LTD**

Caterers for all functions

Mdina Road, Żebbuġ Malta

Tel/Fax: 460523

# ONYX

## *Jewellers*

**232, Żabbar Road, Paola**
**Tel: 673286**

# JADE

**Jewellers**
**Main Street, Żebbuġ**
**Tel: 463833**

Gold - Silver - Diamond Rings
Silverware

# Quddiem il-Monument

Meta fil-Maqdes kien tpoġġa
Kristu Mejjet għall-Qima tal-bnedmin;
Bix-xemgħa tnemnem fit-tazzi mdawlin;
Imgħasses minn erba' Anġli ħelwin;
Mulej, jien m'oħrajn ġejt inżurek
U sibtek stendut bla tal-ħajja ħjiel,
Fuq sodda iebsa ġewwa l-Monument!
Mulej ħallast Int sħiħ għalija
B'Passjoni ħarxa, u mewta kiefra;
Hekk bejni, u ruħi ħsibt f'dal mument!
U moħħi f'dal-lok ta' ġabra
Ittajjar lura, elfejn sena ż-żmien;
Ġesù fi triqtek lejn l-għolja ferut,
Fejn hemm, fuq Salib Mislub ġejt fit-tmiem.
Mulej ġrajjietek, ma ntemmitx hemm,
Kompliet mal-Qawmien Tiegħek mill-imwiet;
U dehert lil niesek mistgħaġba bl-aħbar!
Mulej Irxoxt, fuq il-mewt rebbieħ,
Lill-ħolqien imlejt b'ħuġġieġa ta' dawl,
U lill-Appostli b'ferħ kbir b'dak li raw!

**Ph. Agius**
*Ħaż-Żebbuġ* *L-Erbgħa tat-Tniebri 1999*

The Rose Shop
TELEFLOR INTERNATIONAL
**New Street, Qormi QRM 07**
**Tel: 483342 • Mob: 0945 8532, 0946 6696**
Flower Arrangements for Weddings, Engagements, Parties, etc...
Fresh & Artificial Flowers and Plants for hire, Invitations,
Souvenirs and Accessories for every occasion. **Free Delivery.**


Uniqueness
Tradition
Quality Craftsmanship
S.M.W. CORTIS



*Il-Chorus Filippus tal-Każin Banda San Filep immexxi minn John Ciantar*


St. Philip's Bar & Restaurant

**PIZZERIA**

*Southern Style fried Chicken*

*We also do pizza for delivery service*

**Sciortino Street, Żebbuġ – Tel: 466472**




# JOLLY COMPONIBILI 2

**FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALLUNITS - SETEES**
**FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS**

Mdina Road, Żebbuġ - Malta

**Tel/Fax: +356 466154**

# Il-Ġimgħa l-Kbira

## 1900 – 1999

Din hija lista ta' dati meta ġiet iċċelebrata l-Ġimgħa l-Kbira, tul l-aħħar seklu li għadda 1900-2000.

Dawk id-dati pprintajti skuri, huma l-okkażjonijiet fejn il-Banda San Filep akkumpanjat fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Wieħed jinnota li sas-sena 1940, il-Banda San Filep daqqet f'dawk id-dati biż-żewġ – eżempju 1900, 1902, 1930, 1940.

Fis-snin 1941 u 1942, il-Purċissjoni ma ħarġitx minħabba l-attakki tal-Gwerra. Fis-sena 1943 saret Purċissjoni bil-Monument biss, u dawra qasira – April 23.

Fil-pjazza l-Banda San Filep wettqet Programm Mużikali ta' l-okkażjoni, u hekk baqgħet tieħu sehem fis-snin bil-fard.

| | |
|---|---|
| **1900** | **14 ta' April** |
| 1901 | 5 ta' April |
| **1902** | **28 ta' Marzu** |
| 1903 | 10 ta' April |
| **1904** | **1 ta' April** |
| 1905 | 21 ta' April |
| **1906** | **13 ta' April** |
| 1907 | 29 ta' Marzu |
| **1908** | **17 ta' April** |
| 1909 | 9 ta' April |
| **1910** | **25 ta' Marzu** |
| 1911 | 14 ta' April |
| **1912** | **5 ta' April** |
| 1913 | 21 ta' Marzu |
| **1914** | **10 ta' April** |
| 1915 | 2 ta' April |
| **1916** | **21 ta' April** |
| 1917 | 6 ta' April |
| **1918** | **29 ta' Marzu** |
| 1919 | 18 ta' April |
| **1920** | **2 ta' April** |
| 1921 | 25 ta' Marzu |
| **1922** | **14 ta' April** |
| 1923 | 30 ta' Marzu |
| **1924** | **18 ta' April** |
| 1925 | 10 ta' April |
| **1926** | **2 ta' April** |
| 1927 | 15 ta' April |
| **1928** | **6 ta' April** |
| 1929 | 29 ta' Marzu |
| **1930** | **18 ta' April** |
| 1931 | 3 ta' April |
| **1932** | **25 ta' Mazu** |
| 1933 | 14 ta' April |
| **1934** | **30 ta' Marzu** |
| 1935 | 19 ta' April |
| **1936** | **10 ta' April** |
| 1937 | 26 ta' Marzu |
| **1938** | **15 ta' April** |
| 1939 | 7 ta' April |
| **1940** | **22 ta' Marzu** |
| 1941 | 11 ta' April (ma ħarġitx) |
| 1942 | 3 ta' April (ma ħarġitx) |

*ikompli f'paġna 26*

# Programm

**tal-Ftuħ tal-Wirjiet Annwali**
**tal-Ġimgħa l-Kbira**
**fil-Każin Banda San Filep A.D. 1851**
**nhar l-Erbgħa 4 ta' April 2001**
**fis-18.30**

*Programm Mużikali*
**mill-Banda taż-Żgħażagħ**
**tal-Każin San Filep**

*Diskors ta' l-okkażjoni mill-President tal-Każin*
**Dr John Attard Montalto B.A.(Hons.) LL.D., M.P.**

*Ftuħ ufficjali tal-Wirjiet*
**mill-Onor. Dr. Tonio Borg LL.D., M.P.**
*Ministru tal-Intern*

*Tberik mill-W.R. Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ*
**Dun Charles Attard**

*Jippreżenta l-Programm*
**is-Sur Joseph Schembri**

**ĦINIJIET TAL-FTUĦ TAL-WIRJIET**

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 5 sa l-Erbgħa 11 ta' April | 09.00 - 12.00 | 17.00 - 22.00 |
| Il-Ħamis 12 ta' April | 09.00 - 12.00 | 17.00 - 23.00 |
| Il-Ġimgħa l-Kbira 13 ta' April | 09.00 - 22.00 | |

# Programm

## MUŻIKALI U VOKALI

li se jiġ i esegwit fi Triq Sciortino Ħaż-Żebbuġ,
**mill-Bandisti Żgħażagħ tal-BANDA SAN FILEP**
**bħala parti miċ-ċerimonja tal-ftuħ**
**tal-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira**
**fil-Każin Banda San Filep**
**nhar l-Erbgħa 4 ta' April 2001 fis-18.30**

| | | |
|---|---|---|
| Marcia Funebre | **IN MEMORY OF CLUB MEMBERS** | Raymond Fenech |
| Adagio | **PANIS ANGELICUO** | Cesar Frank |
| Marcia Funebre | **L' ULTIMO ADDIO** | Miruzzi Antonio |
| Intermezz | **CAVALLERIA RUSTICANA** | Pietro Mascagni |
| Marcia Funebri | **RIMPIANTO** | Vincenzo Ciappara |
| Aria | **LARGO** | George Fredrick Handel |

Jidderieġi l-banda
Mro. **Raymond Fenech** FLCM, L.(Mus). LCM, P. Tech(APS)
u jieħu sehem ukoll
il-kor tas-Soċjetà **Chorus Filippus**
immexxi minn **John Ciantar**

***Nhar il-Ġimgħa 13 ta' April 2001***
***il-Banda San Filep takkumpanja l-Purċissjoni***
***tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep.***

# Dati tal-ġimgħa l-Kbira (ikompli)

| | |
|---|---|
| **1943** | **23 ta' April** |
| 1944 | 7 ta' April |
| **1945** | **30 ta' Marzu** |
| 1946 | 19 ta' April |
| **1947** | **4 ta' April** |
| 1948 | 26 ta' Marzu |
| **1949** | **25 ta' April** |
| 1950 | 7 ta' April |
| **1951** | **23 ta' Marzu** |
| 1952 | 11 ta' April |
| **1953** | **3 ta' April** |
| 1954 | 16 ta' April |
| **1955** | **8 ta' April** |
| 1956 | 30 ta' Marzu |
| **1957** | **19 ta' April** |
| 1958 | 4 ta' April |
| **1959** | **27 ta' Marzu** |
| 1960 | 15 ta' April |
| **1961** | **31 ta' Marzu** |
| 1962 | 20 ta' April |
| **1963** | **12 ta' April** |
| 1964 | 27 ta' Marzu |
| **1965** | **10 ta' April** |
| 1966 | 8 ta' April |
| **1967** | **24 ta' Marzu** |
| 1968 | 12 ta' April |
| **1969** | **4 ta' April** |
| 1970 | 27 ta' Marzu |
| **1971** | **9 ta' April** |
| 1972 | 31 ta' Marzu |
| **1973** | **20 ta' April** |
| 1974 | 12 ta' April |
| **1975** | **28 ta' Marzu** |
| 1976 | 16 ta' April |
| **1977** | **8 ta' April** |
| 1978 | 24 ta' Marzu |
| **1979** | **13 ta' April** |
| 1980 | 4 ta' April |
| **1981** | **17 ta' April** |
| 1982 | 9 ta' April |
| **1983** | **1 ta' April** |
| 1984 | 20 ta' April |
| **1985** | **5 ta' April** |
| 1986 | 28 ta' Marzu |
| **1987** | **17 ta' April** |
| 1988 | 1 ta' April |
| **1989** | **24 ta' Marzu** |
| 1990 | 13 ta' April |
| **1991** | **29 ta' Marzu** |
| 1992 | 17 ta' April |
| **1993** | **9 ta' April** |
| 1994 | 1 ta' April |
| **1995** | **14 ta' April** |
| 1996 | 5 ta' April |
| **1997** | **28 ta' Marzu** |
| 1998 | 10 ta' April |
| **1999** | **2 ta' April** |
| 2000 | 21 ta' April |

*Żebbuġ Bazaar & Stationery*
*&*
*Sebio's Photo Studio*

*Sciortino Street, Zebbug ZBG 03 - Malta • Tel: 466076*

ECHO

ELECTRONICS CENTRE

AUDIO • VIDEO

Mdina Road, Żebbuġ, ZBG 03 - Malta
(next to De Rohan Arch - Żebbuġ)
Telephone: 466119

# Riflessjonijiet ta' Qassis Żebbuġi Missjunarju fil-Brażil

***minn Dun Karm Bezzina***

*Dun Karm Bezzina ilu ħamsa u tletin sena missjunarju fil-Brażil. Fis-sajf ta' l-2000 huwa qatta ftit żmien ta' vaganzi ma' niesu f'Ħaż-Żebbuġ. Dawn il-ħsibijiet kitibhom f'Lulju 2000 qabel ma telaq lura lejn il-missjoni tiegħu.*

Ġie f'idejja l-ktejjeb li l-Każin San Filep ħareġ fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tas-sena li għaddiet u fih rajt fost ħwejjeġ oħra xogħlijiet li jittellgħu fil-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira ta' kull sena. Wara li rriflettejt xi ftit bdejt nara xebħ kbir bejn il-passjoni ta' Kristu u s-sofriment u l-passjoni li ħafna nies fqar fil-Brażil isofru s-sena kollha. Fil-każ tal-foqra fil-Brażil m'hemmx bżonn ta' xenarju tal-karti miżbugħa u statwi tal-ġibs jew tal-kartapesta.

Imma Kristu għadu jsofri l-passjoni tiegħu f'dawn in-nies tal-laħam bħalna. Insibu familji li m'għandhomx saqaf fejn idaħħlu rashom, mingħajr xogħol, jiġġerrew minn post għall-ieħor, jittalbu l-għajxien ta' kuljum biex ikunu

***ikompli f'paġna 31***

Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road, Żebbuġ, Malta
Tel: 466615



The key to All your Computer needs
MT
The key to All your Computer needs
UPGRADE ANY OLD COMPUTER FROM ONLY LM120.00
HIGH SPECIFICATION DUAL WORK-STATIONS STARTING FROM LM560
ADD ON
CHOOSE AT WILL FROM OUR EXTENSIVE LIST.
OVER 1500 ITEMS TO CHOOSE FROM




# COMPEDUC

208, Sanctuary Street, Żabbar
• Sales Line: 826648 • Support Line: 675161 • Fax: 660089
E-mail: rederickcutajar@compeduc.com.mt
Web Site: www.compeduc.com.mt

Latest PC Systems
PC Upgrades
Computer Courses
Network Installations
Internet Services
Web Site Design
Custom-Made Software

**WE SELL LEADING & BRANDED COMPUTER PARTS ONLY**

jistgħu jgħixu, ħafna drabi mgħobbija bil-mard. Dawn huma tfal, żgħażagħ, kbar nisa u rġiel. Minħabba din is-sitwazzjoni ħafna minnhom isiru vittmi tax-xorb, drogi u prostituzzjoni.

Xi ħadd jista' jistaqsi, kif Kristu kellu lil Ċirinew biex jgħinu ftit iġorr is-salib, dawn ma jsibu lil ħadd biex jgħinhom joħorġu minn din is-sitwazzjoni?

Il-Knisja permezz tal-għaqdiet u movimenti oħra tagħmel mill-aħjar li tista' biex tgħin lil dawn in-nies, imma n-numru tagħhom huwa kbir. U ħaġ'oħra li tidher stramba ħafna: dawn in-nies (ħafna jekk mhux kollha) jidraw f'din il-ħajja.

Il-problemi ta' l-ibliet il-kbar joħolqu dan it-tip ta' sitwazzjoni għal ħafna nies li mingħajr skola, professjoni, flus, imorru lejn il-belt bit-tama ta' ħajja aħjar u l-post li jsibu hija biss it-triq u l-fqar l-oħrajn. Fi bliet bħal Sao Paolo u Rio de Janeiro li jgħoddu l-miljuni ta' abitanti, minn dawn it-tip ta' nies issib bl-eluf.

Wara l-passjoni u l-mewt fuq is-salib, Kristu wara tlett ijiem irxoxta għal ħajja ġdida. Għal ħafna minn dawn in-nies il-passjoni hija twila ħafna u l-ġurnata tal-ħajja ġdida ma tantx tidher fil-qrib.

Kristu ġie msallab minħabba l-għira u l-inġustizzja ta' żmienu. Hekk is-

*ikompli f'paġna 33*

TA' XMUN

**Hardware and Home Improvements**

***A Personalised & Friendly Service is assured***

*Happy Easter*

Ta' Xmun Ltd.,
N/B Sciortion Street
Żebbuġ ZBG 03, Malta

Tel: 466548
Fax: 466548

BARGAIN WORLD

Sciortino Str., Żebbuġ - Malta • Tel: 467036 • Mob: 0948 7393

Issibu:

Toys, Household, Ceramics, Stationery, Underwear,
Baby wear, Souvenirs, Artificial flowers, gifts, etc...

Prezzijiet tajbin ħafna u selezzjoni kbira ta' affarijiet bil-Lira

CiS

Unisex Boutique
& Sports Wear

Sciortino Street, Żebbuġ
Tel: 466244
Fax: 462247

Under Same Management

maxim
Lingerie ETC.

Mons. S. Milanesi Str.,
Żebbuġ
Tel: 466217

sitwazzjoni ta' dawn in-nies hija frott ta' l-inġustizzji u l-kilba għall-poter ta' dawk li jikkmandaw bla ma jagħtu każ ta' ħadd. Meta jgħinu lil dawn in-nies ikun biss fi żmien l-elezzjoni meta jixtru l-vot tagħhom b'xi ħaġa żgħira u hekk huma jkomplu fil-poter.

Quddiem din is-sitwazzjoni x'inhu d-dmir tagħna bħala nsara? Din il-mistoqsija nagħmluha mhux biss lill-insara tal-Brażil imma lil dawk kollha li jemmnu li Kristu għadu jsofri f'dawn in-nies. Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, il-wirjiet li jsiru għadhom jgħinuna nagħrfu lil Kristu li għadu jbati f'tant nies li għadhom isofru waqt li jistennew il-ġurnata ta' l-Għid tagħhom.

Aħna nistgħu ngħinuhom jaslu għal dan. Nistgħu nibdew minn dawk li jgħixu qrib tagħna u nibqgħu sejrin sa dawk li joqogħdu 'l bogħod. Il-missjunarji u ħafna oħrajn qegħdin jagħmlu l-parti tagħhom. U intom x'qegħdin tagħmlu?

Idea żgħira forsi tista' tiswa. Għall-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira għax ma tippruvawx tgħinu billi tadottaw lil xi ħadd, individwu jew komunità, li qed isofri, jista' jkun f'Malta jew barra minn Malta.

J'Alla l-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 2001 isservi biex aktar nies jgħinu lil xi persuna jew persuni tal-laħam jirxoxtaw għal Kristu.


# Twanny Spiteri

## Funeral Service

**'Shalom', 4, Triq il-Watar,**
**Ħal-Mula, Ħaż-Żebbuġ**

**Tel: 460950 (Day & Night)**
**Mob: 0947 1168**


Attrans Limited
Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta
Tel: (+356) 461259, 466269, 463252/3  Fax: (356) 465675
Direct: (+356) 463252 — Mobile: 0949 8345
International Trailer Operators

# Għajnejn il-Fariżej fuq Kristu

**minn Philip Agius**

Qawl Malti jgħid, "il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi". Dan hu kollu verità, għax it-triq ta' quddiem, il-Mulej biss jafha...

Ġesù għażel il-mod tat-twelid tiegħu. Għażel il-ħajja pubblika tiegħu. Għażel is-sagrifiċċju tas-salib u l-qawmien tiegħu mill-mewt.

Ġesù dan setà jagħmlu għax kien 'Bniedem u Alla', mentri għan-naħa tagħna l-bnedmin, għalkemm moħħna għamel avvanz kbir xorta bqajna bil-limiti tagħna, u l-ġrajja tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu kienu jibqgħu misteru għalina l-bnedmin tul ħajjitna kollha.

Ġesù Kristu għex fi żmien ta' fanatiżmu kbir. Il-fariżej u l-iskribi fit-tagħlim tagħhom kienu jsostnu dejjem "sinna għal sinna". Allura meta bdew

*ikompli f'paġna 37*

Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 442887 (Dolceria), 440373 (Shop) — Mob: 0944 3394**

# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones**

**468982,**

**461683**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

Unisex

# RUSTIC HAIR SALON

**Erika Faure**

*Hairstylist*

**87, Triq Ħal-Mula,**
**Żebbuġ - Malta**
**Tel: 463745**
**Mob: 0944 1347**

**I•M•U•N•A•L**
**Hair Cosmetics**
**by Kadus**

jaraw lil Ġesù jibbaża t-tagħlim tiegħu fuq l-imħabba kienu joħduha bi kbira. Huma kienu jgħidu li Ġesù kien qiegħed jivvinta xi liġi ġdida. Mentri ma kienx hekk. Ġesù kien qiegħed isaħħaħ il-liġi li kien hemm. Kien jippriedka l-imħabba li hi l-bażi ta' kollox. Ma jistax ikun hemm imħabba f'Alla, jekk ma jkunx hemm imħabba tal-proxxmu. Hawn tidħol il-parabbola ta' l-Iben il-Ħali, li fiha tidher emozzjoni kbira, qawwija ħafna.

It-tifel telaq f'pajjiż 'il bogħod, dan nistgħu nippruvawh, għax il-Lhud ma jiklux majjal. Għalihom kien dnub li xi ħadd irabbi l-majjali.

Dan it-tifel kien reġa' lura, għax sab ruħu nieqes mill-ikel, u mhux għall-imħabba ta' missieru. Mentri missieru kien dejjem jistennieh u meta dan it-tifel reġa' lura hu trattah b'mod ta' mħabba kbira. Ħuh l-kbir għalkemm kien ħabrieki u raġel sewwa f'din il-ħaġa ma qabilx ma' missieru.

Liż-żagħżugħ li avviċina lil Ġesù u staqsieh x'għandu jagħmel biex isalva ruħu, Ġesù wieġbu, "Ħobb lil Alla u lill-proxxmu tiegħek". Hawn Ġesù ġabar it-tagħlim kollu sa minn Mosè.

B'dan il-kliem Ġesù daħħal lil Alla f'relazzjoni intima mal-bniedem. Alla tal-ħniena u li jieħu ħsieb il-ħolqien.

L-iskribi kellhom l-iskola tagħhom. Huma kienu jafu li Ġesù qatt ma kien

*ikompli f'paġna 39*

Praċett
Bniet u Subien
għall-kiri

TOP HAT
QORMI

Ilbies tan-nisa
ta' l-Okkażjoni

*Hiring of suits for men & boys for all occasions*

*Tieġ, Preċett, Griżma,*
*Toga tal-Gradwazzjoni*

**TAILORING & HIRING SERVICE**
**Tel: 488241**


SUPER
5
39
Jirbħu dawk li jaqtgħu
4 NUMRI
5 NUMRI
3
Tagħżel 5 numri minn 1 sa 39

mar jitgħallem f'din l-iskola, allura f'qalbhom kellhom għira kbira għalih. Kienu jistgħaġbu kif tifel ta' mastrudaxxa joħroġ minnu, dak it-tagħlim hekk ta' siwi kbir.

Imbagħad kien hemm il-mirakli li kontinwament jaraw jew jitwassal lilhom it-tagħrif dwarhom li Ġesù kien qiegħed jagħmel. Huma dejjem kienu jiddiskutu bejniethom kif setgħu jtappnu s-setgħa visibbli kbira ta' dawn il-mirakli tiegħu. Huma kienu jħarsu lejn dawn il-Mirakli, il- mod kif fost il-poplu t-tagħlim ta' Ġesù kien qiegħed jaqbad l-għeruq u konsegwentament maħkuma minn biżgħa li huma jiġu mwarrbin. Il-fariżej u l-iskribi kellhom din il-biżgħa fuqhom.

Meta Ġesù kien ġie mistoqsi x'jifhem b'imħabba tal-proxxmu, hu rrispondihom bil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb. Din ma kinitx niżlitilhom tajjeb, għax il-Lhud kienu jħarsu lejn is-Samaritani bħala l-għedewwa tagħhom.

Dawn il-parabboli kienu x-xeni lokali ta' dawk iż-żminijiet fil-Palestina. Ġesù kien jinqeda b'dawn il-parabboli biex wieħed ikun jista' jifhem aħjar sabiex b'hekk imbagħad jasal iktar malajr għall-osservazzjoni tal-liġi.

It-tagħlim ta' Kristu, kien qiegħed iwassal il-messaġġ ta' liġi, ta' paċi u ta' sliem li twassal għar-relazzjoni ta' hena u ferħ bejn il-bnedmin u Alla.

Min-naħa l-oħra, fi qlub il- fariżej, l-iskribi u xi sezzjonijiet oħra fost il-poplu Lhudi ta' dak iż-żmien iktar kibret l-għira għal Ġesù. Dawn irnexxielhom ixewxu lill-poplu, tawh f'idejn Pilatu li għax kellu kilba għall-poter ikkuntentahom u kkundanna lil Ġesù għall-mewt fuq is-salib.

*Ħaż-Żebbuġ*
**05-03-2001**


# *Mayfair Hall*

**Każin tal-Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ**

*Għal kull okkażjoni privata tiegħek, bħal Magħmudija, Preċett, Griżma, eċċ*

**Prezzijiet Moderati** Tel: 463003

# Pace Fire Prevention

# SUPPLY,
# INSTALLATION
# & SERVICE
# OF FIRE FIGHTING
# & FIRE DETECTION
# EQUIPMENT

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION,
QORMI QRM 06
TEL/FAX: 444924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

# H IZ N2

## c m ut r syst ms

V l l- ls n, u Z G 3T l/F x 223
-m l h rz n2 m l. l l.n t.mt

• C mput r Syst ms • C mput r S ftw r

KING ENF M TSEC LEVEL C urs
ST TNG IN M Y 2 1 n v j c mput r n l s v n

C mput r C urs s f r
• BEGINNE S ( s 5 yrs v r)
• BEGINNE S f r ULTS.
• FFICE LIC T NS f r j l s kn ff c w rk
• M TSEC L v l c urs s 2 1 .. kn n N W
• INTE NE f r cy f r 1
• HTML r m cr S r. z. M Y . JUNE
• J V SC I T f r w n ty urs 1F
• C L W n r s n v stu nts
• SC L r stu nts t n r c urs s t S c n r l sc l s n Un v rs ty.



# ŻEBBUĠ VIDEO RENTALS

*40, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ  Tel: 468835*

# DISNEY HOME VIDEO

*Pjazza 7 ta' Ġunju, Ħamrun  Tel: 234951*

*Il-ħanut ideali għall-Films Oriġinali u New Releases*

*Kiri ta' DVD – New Release 75cents 1 day or 50 cents 3 days*

• Radios • Stereos • Video Rec. • T.V. • Micro-Genius
• Toys • Cards • Videos Stereo • Home Cinema Surround
• Playstation • Playstation Games

**Nagħmlu photocopies tal-kulur**

BAKERY

# Maypole

LTD

*Carmel Debono*

14, St Joseph Street, Qormi.

1, Victory Street, Qormi.

Tel 488992 • Fax: 442778

**FANCY BREAD**



L-istatwa ta' Kristu Rxoxt li toħroġ nhar il-Għid il-Kbir f'purċissjoni mill-Parroċċa Arċipretali ta' San Filep, din is-sena qiegħda tagħlaq 25 sena, minn meta nġiebet Ħaż-Żebbuġ fis-sena 1976.

Hi biċċa xogħol artistika ta' Ġlormu Dingli. Dan l-istatwarju ppreżentalna figura tradizzjonali ta' bniedem qiegħed jogħla 'l fuq mill-qabar li kien għadu kif kien midfun ġo fih. Kristu f'din il-figura b'wiċċ sabiħ ħafna u l-libsa tiegħu bajda li tirrappreżenta d-dawl fil-qawmien tiegħu mill-mewt kif jiġi ppreżentat lilna fl-Evanġelju Mqaddes għadha parti minnha fuq il-qabar.

Hija statwa li jidher fi rnexxiet ħafna.

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel, & General Building Material Stockholders*

**Żebbuġ Road, Attard - Malta**
**Tel: 418029**

# TANTI

## IRONMONGERY & HOUSEHOLD GOODS

F. Caruana Dingli Street, Żebbuġ ZBG 04
Tel: 464329

*Visit our stores for all kinds of paints, electrical fittings, water tanks, drainage fittings, stock holds of building material, geysers, power tools, hand tools, glass and key*

**HIRE OF JIGGER & MIXER, GENERATOR, BAYERN & POWERFLOAT**


TOYOTA
This is the only way to fold a Yaris.
YARIS. THE SAFEST SMALL CAR IN EUROPE*.
debono

maresco

ENJOY MITSUBISHI AIRCONDITIONERS

*The right solution*

**Visit our showroom in Żebbuġ or Telephone 460286, 467142**



# Żebbuġ Rangers Bar

Miftuħ kuljum

Għal xarba ġenwina
mal-ħbieb
u ikel fost il-ġurnata





**Tel: 460111**



# *Vanity Fare*

**Beauty Care**

**Baby Products**

including baby buggies
starting from **Lm25.95**
Stock arriving by mid-April



41, Bishop Caruana Str., Żebbuġ • Tel: 463813